C/2024/2980

25.4.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' April 2024

li taħtar membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika

(C/2024/2980)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-11 ta' Marzu 2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2022 [2], il-Kunsill ħatar lis-Sa Martine DURAND bħala membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (il-"Bord") għal mandat ta' tliet snin.

(2) Is-Sa Martine DURAND irriżenjat qabel l-iskadenza tal-mandat tagħha.

(3) Għaldaqstant jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord.

(4) L-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE jgħid li l-membri tal-Bord għandhom jintgħażlu minn fost esperti li għandhom kompetenza eċċellenti fil-qasam tal-istatistika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Sandrine DUCHÊNE hija b'dan maħtura membru tal-Bord Konsultattiv għall-Governanza tal-Istatistika għal mandat ta' tliet snin.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

[1] ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17.
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Mejju 2022 li taħtar membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ĠU C 211, 30.5.2022, p. 2).